**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 648/2024**

***Cominology Limited (C53692)***

***vs***

***Meeting Point Malta Limited (C41046)***

**Illum 30 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-Rikors Ġuramentat** tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fl-10 ta' Ġunju, 2024 permezz ta' liema ppremetta:-

1. *L-kumpanija attriċi Cominology Limited hija kreditriċi tal-Kumpanija konvenuta Meeting Point Malta Limited fis-somma ta' sebgħa u sittin elf sitt mija wieħed u erbgħin ewro u erbgħin ċentżmu (€67,641.40) rappreżentanti bilanċ ta' ħdax il-fattura hawn annessi u mmarkati Dok.CL2 sa CL12 u credit notes tal-valur ta' mitejn u żewġ euro u seba u tmenin ċenteżmu (€uro202,87) kopja ta' liema qed jiġu annessi u mmarkati Dok . CN 13 sa CN15;*

2. *Illi l kumpanija konvenuta Meeting Point Malta Ltd naqqset milli tħallas dan l-ammont minnha dovut lill-Kumpanija attriċi Cominology Limited skont ftehiem tas - sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta w għoxrin (2023) u mmarkat Dok . LC;*

3. *Illi s-somma ta' sebgħa u sittin elf sitt mija wieħed u erbgħin ewro u erbgħin ċentżmu (€67,641.40) hija dejn ċert, likwidu, u dovut lill-kumpanija' attriċi mil kumpannija konvenuta;*

4. *Illi fil-fehma tal-esponenti, il-kumpanija m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq għat-talba għal ħlas hawn imressqa mill-kmpanija' attriċi;*

5. *Illi s-soċjeta' esponenti qegħda għalhekk tipproċedi kontra l-kumpanija konvenuta bi proċediment sommarju speċjali kif provdut fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

U wara li hekk ippremettiet, is-soċjeta' attriċi talbet lil din il-Qorti:-

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kumpanija konvenuta Meeting Point Malta Limted hija debitriċi tal-Kumpanija attriċi Cominology Limited fis-somma ta' sebgħa u sittin elf sitt mija wieħed u erbgħin ewro u erbgħin ċentżmu (€67,641.40) rappreżentanti servizzi prestati mill-kumpanija attriċi favur il-kumpanija konvenuta ai termini ta' ftehim bejn il-partijiet;*

3. *Tikkundanna lill-Kumpanija konvenuta Meeting Point Malta Limited tħallas lill-Kumpanija attriċi Cominology Limited is-somma ta' sebgħa u sittin elf sitt mija wieħed u erbgħin ewro u erbgħin ċentżmu (€67,641.40);*

*Bl-Imgħax bid-data ta' kull fattura sad-data tal-ħlas effetiv u bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandata ta' sekwestru kawtelatorju ntavolat kontestwalment kont l-kumpanija konvenuta rappreżentanti ta' liema huma minn issa nġunti in subizzjoni.*

Rat id-digriet tal-25 ta' Awwissu 2024 permezz ta' liema din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta ta' llum u s-soċjeta konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta attriċi kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li s-soċjeta konvenuta ġiet notifikata fit-3 ta' Settembru 2024.

Rat li s-soċjeta konvenuta deheret għal-udjenza miżmuma llum u ammettiet t-talbiet attriċi.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mir-rikors ġuramentat tas-soċjeta atrriċi hekk kif maħluf u l-atti hemm annessi jirriżulta li s-soċjeta attriċi prestat diversi servizzi lis-soċjeta konvenuta skond ftehiem datata 6 ta' Frar 2023 u li l-prezz totali dovut bħala ħlas għas-servizzi reżi huwa ta' sebgħa u sittin elf sitt mija wieħed u erbgħin ewro u erbgħin ċentżmu (€67,641.40).

Illi s-soċjeta attriċi ammetiet ittalbiet attriċi.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' it-talbiet attriċi kif dedotti** u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta' Meeting Point Malta Limited tħallas is-somma ta' sebgħa u sittin elf sitt mija wieħed u erbgħin ewro u erbgħin ċentżmu (€67,641.40) b'l-imgħax legali u b'l-ispejjeż kontra s-soċjeta konvenuta.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**